MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 77

20 ta' Novembru 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 77 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Is-Sindku R. Cutajar talab jigi skużat minn item 8.1. 'il quddiem minħabba inpenn ieħor. L-item 12.1. ġie trattat qabel is-Sindku ħalla s-seduta. Fl-assenza tas-Sur R. Cutajar, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 76, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Taxi Stands* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol IX)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti dwar talba li saret lill-Transport Malta mill-White Taxi Licensed Amalgamated sabiex isiru żewġ *taxi stands* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, qrib il-kantuniera ma' Triq San Publiju, quddiem is-Salita Hotel.

2.1.3. Is-Segretarju għarraf li l-Awtorita` reġgħet kitbet mill-ġdid, fejn talbet lill-Kunsill jikkonsidra postijiet alternattivi, kif ukoll li l-i*stand* jopera waqt ċerti ħinijiet biss.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'hemmx lok ta' *taxi stands* matul il-ħinijiet kollha tal-ġurnata, minħabba nuqqas ta' spazju, kif ukoll jeżistu erba' *public service garages* ftit metri bogħod mill-post fejn qed jiġu proposti l-i*stands* fil-kantuniera ma' Triq San Publiju.

### 2.2.1. Ftuħ mill-ġdid ta' Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (P/4/20/Vol III)(A/6/7/4)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li bi ftehim mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, l-uffiċċju l-ġdid ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa ser jinfetaħ mill-Ministru tat-Turiżmu, Kultura u l-Ambjent fl-4 ta' Diċembru 2012. Huwa qal li attwalment qed isir ir-rinovar tal-post, inkluż l-istallazzjoni elettrika, liema xogħol qed isir mill-Kunsill b'konsultazzjoni mal-Awtorita`.

2.2.3. Kunsill innota u approva l-ispiża marbuta ma' din l-inizjattiva.

### 2.3.1. Proġett Terra Mirabilis flimkien mal-Comune di Casalborgone (P/10/12)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti dwar il-konferenza msemmija. Huwa għarraf li saret talba taħt l-iskema tal-kofinanzjament sabiex tkopri tlieta mill-konferenzi ppjanati taħt il-proġett imsemmi. Dawn jinkludu l-konferenza li saret f'Casalborgone fl-1 ta' Settembru 2011, dik tal-Mellieħa tas-6-8 ta' Ottubru 2012, flimkien ma' oħra ppjanata li ssir f'Casalborgone wkoll f'Mejju 2013. Is-somma approvata taħt l-iskema tlaħħaq €10,781.40, li minnha diġa tħallsu €2,550 f'Ottubru 2011 taħt il-ftehim oriġinali, li issa ġie rivedut.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Proġett ta' *Landscaping* fi Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-attivita` tal-inawgurazzjoni tal-proġett seħħet fil-15 ta' Novembru 2012 bil-parteċipazzjoni tat-tfal li jattendu l-iskola primarja u l-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi l-Onor. Dolores Cristina.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Asfaltar / Rikostruzzjoni ta' toroq (T/4/7/Vol III)

2.5.2. Saret referenza għall-minuta 2.11. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li l-kuntratt dwar l-asfaltar ta' Triq il-Mellieħa, biswit Misraħ il-Parroċċa, ingħata minn Transport Malta lill-kuntrattur Central Asphalt Ltd..

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. PA 4122/10 – *Bus shelter* f'Ghajn Tuffieha (B/6/Vol V)

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' ittra datata 12 ta' Diċembru 2012 huwa għarraf lill-MEPA li s-sidien tal-*bus shelter* – Faces Consultants Ltd – baqgħu ma spustjawħx minkejja pressjoni li saret fuqhom. Fuq talba min-naħa tal-Kunsill, il-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp fi ħdan il-MEPA, permezz ta' ittra data 19 ta' Novembru 2012 estendiet id-*deadline* li ngħatat b'xahar ieħor sabiex il-posizzjoni tal-*bus shelter* tinġieb konformi mar-regolamenti. Is-Sur C. Debono qal ukoll li l-konsulent legali tal-Kunsill ġie mgħarraf b'dan u min-naħa tiegħu kellu jippreżenta protest ġudizzjarju fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Faces Consultants Ltd sabiex il-posizzjoni tal-Kunsill tiġi rreġistrata uffiċjalment.

2.6.3. Il-Kunsill approva li jsir protest ġudizzjarju, kif ukoll li s-sidien tal-*bus shelter* jiġi nfurmati bl-estensjoni mogħtija mill-MEPA sabiex jirregolaw il-posizzjoni tagħhom.

### 2.7.1. *European Year for Active Ageing and Solidarity Between Generations* (N/1/Vol II)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li uffiċjal mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani attenda għaċ-ċerimonja li fiha ġew ippreżentati l-unuri fejn il-Mellieħa kienet waħda mill-finalisti. L-attivita` seħħet fi Brussel fit-13 ta' Novembru 2012.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Skema Libreriji Pubbliċi 2013 (L/4/Vol III)

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur R. Cutajar ippropona li parti mill-kotba li jinxtraw taħt din l-iskema jingħataw liċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa..

2.8.3. Il-Kunsill approva l-proposta sakemm jinkiseb il-permess sabiex mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**2.9.1. Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2012 (F/5)**

2.9.2. s-Sindku rrefera għall-minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti u stqarr li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kien l-uniku wieħed li pparteċipa fil-fiera. Huwa qal li l-organizzaturi talbu l-kummenti tal-parteċipanti u bħala tweġiba tressqet osservazzjoni li meta l-i*stand* ikun 'il ġewwa ħafna fis-sala l-bejgħ ikun inqas.

2.9.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**2.10.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)**

2.10.2. Saret referenza għall-minuta 4.10.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur R. Cutajar għarraf li waqt konferenza stampa ngħatat mill-Kumitat Olimpiku Malti li għaliha attenda l-Kunsillier H. Fenech, tħabbar li ġew *shortlisted* ħames nominazzjonijiet fost il-Kunsill Lokali li r-rebbieħ fosthom ser jitħabbar waqt serata li ser issir fil-lukanda Excelsior fil-Floriana fit-2 ta' Diċembru 2012.

2.10.3. Kien hemm ftehim li l-Kunsillier J. Buttigieg għandu jattendi għas-serata.

**2.11.1. Tħejjijiet għall-*Eco-School National Operators Meeting 2012* (K/11/1)**

2.11.2. Saret referenza għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti. Huwa qal li l-konferenza kienet suċċess u kien hemm kummenti pożittivi ħafna kemm mill-ko-organizzaturi n-Nature Trust, kif ukoll mid-delegati li kienu ġejjin mill-kontinenti kollha. Iż-żjarat li saru f'postijiet ta' interess fil-Mellieħa kienu wkoll milqugħin tajjeb mid-delegati.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Servizz bi *trackless train* fil-lokalita` (T/5/3)**

2.12.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti ma' Transport Malta dwar il-possibilta` li tiġi ntrodotta attrazzjoni għat-turisti permezz ta' *trackless train* li topera darba fil-ġimgħa madwar il-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar, qal li din il-proposta jidher li ntlaqgħet u s-servizz mistenni li jibda minn Jannar 2013. Dan ser jitħabbar uffiċjalment waqt il-ftuħ tal-uffiċċju informazzjoni għat-turisti fl-4 ta' Diċembru 2012.

2.12.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.13.1. *Young Reporters for the Environment Conference* (K/11/1)**

2.13.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti man-Nature Trust u permezz tagħhom ġie stabblit li l-konferenza msemmija ser issir fil-Mellieħa bejn l-1 u t-3 ta' Frar 2013.

2.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.14.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2013 (A/5/3/1/Vol XII)**

2.14.2. Saret referenza għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u ġie propost li s-serata ta' Jum il-Kunsill għandha tiġi trasferita mill-Ġimgħa l-1 għall-Ħamis 31 ta' Jannar jew is-Sibt 2 ta' Frar 2012, billi s-sala tar-Radisson Golden Sands Hotel ser tkun okkupata.

2.14.3. Is-Sindku għarraf ukoll li l-Eċċ Tiegħu Mons. Arċisqof Paul Cremona aċċetta li s-serata tkun taħt il-patroċinju tiegħu.

2.14.4. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li jittella' *feature* li jagħti ħarsa lejn il-ħidma tas-Sitt Kunsill Lokali.

2.14.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/11/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/10/12 – 15/11/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/09/12 – 05/11/12
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 06/11/12 – 12/11/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Applikazzjoni għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/4/10)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 2 ta' Novembru 2012, mibgħuta mit-Taqsima tal-Proprjeta` tal-Gvern dwar talba mill-operatur ta' Commando Bar sabiex ipoġġi numru ta' imwejjed u siġġijiet fuq medda ta' art, 5.8m wiesgħa b'8.6m tul, bil-kantuniera tan-naħa ta' ġewwa nieqsa skont kif tidher fuq il-pjanta mehmuża mal-imsemmija ittra.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għall-għoti tal-permess, bil-kundizzjonijiet segwent:

(a) li l-medda ta' art allokata m'għandhiex toħroġ 'il barra mil-linja tal-appoġġ tal-fond kontigwu li jġib l-isem "Manuel's Garage", u t-taraġ li jgħati għal Triq il-Kappillan Magri;

(b) l-aċċess għal Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II m'għandux jiġi mxekkel;

(c) m'għandu jitqiegħed xejn fil-misraħ bi dritt il-wisa' tat-taraġ li jwassal għal Triq il-Kappillan Magri;

(d) jitħalla passaġġ ta' 1.5 metri bejn il-faċċata tal-Commando Bar u l-imwejjed bis-siġġijiet;

(e) l-għamara kollha, inkluż l-umbrellel mgħandhomx ikunu bir-riklami, kif ukoll għandhom ikunu ta' kulur li jaqbel mal-ambjent tal-misraħ; u

(f) l-umbrellel għandhom jingħalqu wara nżul ix-xemx.

4.1.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir laqgħa fuq il-post bejn il-Kunsill u l-uffiċjali konċernati fit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern.

### 4.2.1. Festival Kulinarju u Snajja (P/10/5)

4.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' *e-mail* datat 9 ta' Novembru 2012, il-Grupp Azzjoni Majjistral, li s-Sindku R. Cutajar huwa membru fuq il-bord tiegħu, sejjaħ laqgħa għal għaqdiet volontarji u ndividwi sabiex jipparteċipaw fl-attivita` msemmija li ser isseħħ bejn is-7 u d-9 ta' Diċembru 2012 taħt it-tinda tal-MFCC f'Ta' Qali. L-għaqdiet li jidhru hawn taħt ġew imħajra jattendu għal-laqgħa ta' informazzjoni bil-għan li jieħdu sehem:

- Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina;
- Societa` Filarmonica La Vittoria;
- Għaqda Mużikali Imperial;
- Ladies Craft Circle
- Art Club 2000;
- Diversi produtturi lokali.

4.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Novembru 2012

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqu żewġ Skedi ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* li bejniethom ikopru il-perjodu bejn it-18 ta' Settembru u t-12 ta' Novembru 2012. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-26 ta' Ottubru u l-15 ta' Novembru 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fit-tliet skedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 7.1. Konsultazzjoni dwar l-introduzzjoni ta' *Wind Farms* fuq is-Sikka l-Bajda (P/5/8/A)

7.2. Is-Seduta ġiet sospiża temporanjament sabiex isir intervent mill-Ing. Albert Falzon mill-Malta Intelligent Energy Management Agency, li daħlet għal proġett intiż biex jevalwa l-introduzzjoni ta' *wind farms* f'Malta. Huwa qal li l-proġett huwa ffinanzat permezz tal-Programm Interreg tal-Unjoni Ewropea. Parti minn dan il-proġett huwa li ssir konsultazzjoni reġjonali u għalhekk huwa jixtieq li jottjeni l-opinjoni tal-Kunsill. Is-Sur Falzon għarraf ukoll li ser issir laqgħa oħra ta' konsultazzjoni li tiġbor fiha dawk kollha li jistgħu jintlaqtu. Din ser issir f'Dar l-Ewropa l-Belt Valletta fil-jiem li ġejjin.

7.3. Is-Sindku staqsa dwar jekk dan l-istudju ġiex ikkommissjonat mill-Gvern, peress li l-Gvern Malti huwa kommess li jnaqqas l-emissjoni b'20% sas-sena 2020. Huwa aċċenna għall-installazzjoni ta' *dummy wind turbine* mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura fil-Ponta tal-Aħrax, biex tiġi evalwata l-vijabilita` ta' *wind farm* bl-istudju tal-karatteristiċi tar-riħ. L-Ing. Falzon wieġeb illi l-istudju li hu qed jagħmel huwa wieħed indipendenti li ser jevalwa kemm l-effetti pożittivi, kif ukoll dawk negattivi, bil-għan li jgħin lill-pubbliku jifforma opinjoni dwar il-*wind farms*. L-istudju ser jara wkoll x'sar f'pajjiżi oħra msieħba f'dan il-proġett.

7.4. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill jaqbel mal-linji attwali addottati mill-Gvern f'dan ir-rigward. Kompla jgħid li l-Mellieħa hija parti mill-Patt tas-Sindki u għalhekk hija kommessa li tnaqqas l-emissjonijiet fil-lokalita` u għaldaqstant attwalment qed jitħejja rapport dwar l-inizjattivi li qed jittieħdu f'din id-direzzjoni.

7.5. L-Ing. Falzon talab lill-Kunsill jgħaddilu kopja ta' rappreżentazzjonijiet bil-kitba li setgħu saru dwar l-introduzzjoni ta' *wind farm*, kif ukoll is-*Sustainable Energy Actions Plan* (SEAP) għall-Mellieħa li qed jitħejja mis-Sindku.

## 8.1. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

8.2. Is-seduta ġiet sospiża temporanjament billi attenda s-Sur Ernest Vella mill-Fondazzjoni ARKEO, illi ntalab jintervjeni mill-Kunsill.

8.3. Is-Sur E. Vella qal li l-fondazzjoni rat it-test tal-ftehim li ġie mgħoddi lilha skont kif kien propost mill-Kunsill fis-seduta preċedenti. Huwa aċċenna għall-Klawsola 8 u talab li jiżdied il-kliem korsiv kif jidher hawn taħt:

> "8 The Manager shall charge visitors to the interpretation centre the entrance fees listed in the Schedule of fees to this agreement marked as "Doc. F", which fees shall be deemed to be the maximum:
>
> *The Manager shall at his discretion increase fees included in the schedule of fees marked as Doc F by the rate of inflation as issued by the Government of Malta or the Central Bank of Malta or any other entity entrusted with this responsability.*
>
> Provided that the Council may vary such fees, following a recommendation of the Supervisory Committee,
>
> Provided further that the Manager shall organize an annual open day of the sites whereby the general public will be exempted from paying the entrance fee.".

8.4. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jiżdied il-paragrafu li jidher bil-kliem korsiv, għar-raġuni li żidiet fil-prezzijiet tad-dħul għadhom jsiru b'diskussjoni mas-*Supervisory Committee* li jrid jitwaqqaf skont l-istess ftehim. Is-Sur E. Vella aċċenna wkoll għall-klawsola 14 dwar l-assikurazzjoni. Kompla jgħid li l-fondazzjoni mhux lesta li tkopri l-medda kollha tal-*heritage trail,* għaliex it-toroq u l-passaġġi għandhom jibqgħu fir-responsabilita` tal-Kunsill, filwaqt li l-fondazzjoni tkopri l-binjiet u l-istrutturi biss. Fondazzjoni għalhekk mhux qed taqbel mat-test kif propost mill-Kunsill fuq klawsola 14(a) dwar l-assikurazzjoni.

8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg sostna li meta jkun hemm gruppi organizzati, għandha tkun l-fondazzjoni li tipprovdi *public liability policy*. Minkejja dan, jista' jkun hemm persuni li jżuru l-*heritage trail* mingħajr ma jkunu akkumpanjati. Uħud mill-kunsillieri preżenti kienu tal-fehma li l-kwistjoni dwar minn huwa responsabbli għall-passaġġi u toroq li hemm bejn il-postijiet fuq il-*heritage trail*, tista' tkun riżolta bit-twaħħil ta' tabelli li jwissu lill-pubbliku li min iżur is-siti in kwistjoni, ikun qed jagħmel għar-riskju tiegħu.

8.6. Is-Sur E. Vella ġibed l-attenzjoni wkoll għall-klawsola 16 u qal li din jeħtieġ illi tiġi ċċarata fis-sens li l-*Manager* għandu jkollu d-dritt li jassenja attivitajiet anċillari lil terzi persuni. Għalhekk huwa ppropona li l-klawsola għalhekk għandha tinqara kif ġej:

> "16. The Manager shall not assign its rights arising from this agreement in respect of the management of the sites without the Council's prior written consent. Without prejudice to the above, it shall be permissible that *the Manager* sub-contracts secondary ancillary activities to third parties, with the intention to protect the operational and financial viability of the Selmun Heritage Park. In such cases, the relevant site remains under the direct responsibility of the Manager.

8.7. Il-Kunsill approva din l-emenda.

8.8. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li għandu jinkiseb parir legali dwar dan l-aspett. Qabel ukoll li għandha tintalab kjarifika mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu dwar jekk il-Fondazzjoni tistax torganizza żjarat bil-gwida ġewwa fil-*heritage trail* innifsu.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

**"Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2012 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata *period contract* dwar resurfacing ta' toroq u xogħlijiet anċillari; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti, skond l-Att tal-Kunsilli Lokali ta` l-1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex jinstab kuntrattur li lest jagħti servizz ta' *Contract Management* fuq l-imsemmija xogħlijiet; u**

**Billi l-offerti kollha li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudcation Board*, li għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu skont il-minuti tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2012, liema rakkomandazzjoni ġiet ratifikata mill-Kunsill fis-seduta Nru. 75 tad-9 ta' Ottubru 2012;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Daniel Cordina, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Diċembru 2012.". (K/6/5/3/Vol II)**

9.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti fis-sens li kellu jiġi kkuntattjat l-konsulent legali tal-Kunsill dwar il-punt li tqajjem rigward it-tiġdid tal-*bid bond*. Is-Segretarju għarraf li huwa tkellem mal-Avukat John Bonello, illi kkonferma li l-obbliġu tat-tiġdid tal-*bid bond* huwa tal-offerent, f'każ li din tiskadi qabel il-konklużjoni tal-aġġudikazzjoni.

9.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti u għalhekk il-Kunsill talab li tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-Perit Daniel Cordina. Is-Sindku R. Cutajar kien skużat waqt id-diskussjoni fuq il-mozzjoni minħabba inpenn ieħor u għalhekk id-dikussjoni tmexxiet mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

## 10.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi (A/5/3/6/Vol III)

10.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għal *e-mail* li huwa bgħat lill-kunsillieri kollha dwar proposta li saritlu biex tinġieb *tribute band* tal-grupp Svediż ABBA sabiex tipparteċipa fl-attivitajiet ta' Milied Mellieħi 2012. Huwa qal ukoll li dan jirrijedi spiża ta' €8,000 li ma tinkludix it-titjiriet. Kompla jgħid li l-Kunsill Lokali tan-Nadur huwa nteressat ukoll u kemm-il darba jsiru żewġ kunċerti l-ispejjeż ikunu jistgħu jinqasmu. B'dan il-mod, l-ispiża tal-*band* tinżel għal €3,800, filwaqt li t-titjiriet bl-Air Malta bejn Londra u Malta jammontaw għal madwar €680 kull Kunsill. Għal din ir-raġuni saret mistoqsija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk tkunx tista' tingħata *direct order*, peress li *tribute band* ABBA Gold hija unika u kunċerti tagħhom huwa mfittxija ħafna madwar id-dinja. Ingħatat tweġiba li t-*thresholds*

stabbiliti fir-Regolamenti Finanzjarji xorta waħda għandhom jiġu osservati. Għal din ir-raġuni, is-Sur R. Cutajar qal li qed isiru sforzi bil-għan li jinstab *sponsorship* sabiex l-ispiża għall-Kunsill tinżel taħt t-*threshold* ta' €1,164 f'dak li jirrigwarda l-ispiża tal-*band*. Sad-data tas-seduta kienu saru kuntatti ma' Green MT Ltd; B. Grima Sons Ltd, Bowag Bank li lesti jikkontribwixxu €1,000, €500, u €750, rispettivament. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsill ser jibbenefika minn għotja ta' €10,000 taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Inizjattivi għall-Attivitajiet 2012.

10.3. Minħabba l-parteċipazzjoni tal-ABBA Gold, il-kuntrattur responsabbli mill-*audio* ser jarma l-apparat ġurnata qabel, fl-20 ta' Diċembru, sabiex ikun jista' jintuża l-apparat tiegħu minn *sound engineer* mqabbad apposta mill-Kunsill, liema servizz jiswa €200 bil-taxxi nkluża.

10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ilmenta li ċ-ċirkolazzjoni ta' proposta permezz tal-*e-mail* hija waħda konvenjenti, iżda mhux l-aktar waħda addattata. Kompla jgħid illi proposti li jinvolvu nefqa sostanzjali għandhom jiġu diskussi madwar mejda, anke b'mod informali. B'hekk ikun hemm skambju ta' opinjonijiet, bil-possibilta' li l-idejat jiġu żviluppati iktar jew għal bżonn imwarrba.

10.5. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li l-opportunita` tal-*band* giet eżatt wara l-aħħar seduta u għalhekk ma kienx hemm żmien biżżejjed li wieħed jistenna sa laqgħa oħra tal-Kunsill, jekk din kienet ser tittieħed. Huwa fakkar li din kienet ser tkun ir-raba' darba li l-Kunsill ħadem fuq inizjattivi simili u kull darba kien hemm qbil unanimu dwarhom.

10.6. Is-Sindku qal ukoll li ssejħet laqgħa għall-għaqdiet li normalment jieħdu sehem taħt it-tinda fit-22 ta' Diċembru 2012.

10.7. Il-Kunsill approva l-infieq indikat mis-Sindku, inkluż dik marbuta mal-*band*, sakemm l-ispiża nkluża l-VAT tkun taħt €1,164.

## 11.1. Sejħiet għall-offerti li għalqu fil-31 ta' Ottubru 2012

11.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett ġiet differita għas-seduta li jmiss, peress li l-laqgħa tad-*Tender Adjudication Board* li kellha ssir fil-15 ta' Novembru 2012 ġie imħassra peress li kien hemm diversi membri li kienu ndisposti.

## 12.1. Tiżjin tat-toroq ewlenin fil-Milied (T/4/15)

12.2. Is-Sindku għarraf li nħoloq diżgwid bejn is-sidien tan-negozji dwar il-kontribuzzjoni li għandha titħallas biex tiżżejjen Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira. Is-Sur R. Cutajar irrimarka li mhux aċċettabbli li t-toroq ewlenin jibqgħu mitfija u għalhekk il-Kunsill għandu jintervjeni biex it-toroq jinxtegħlu mill-fondi tiegħu.

12.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li kemm-il darba l-Kunsill jidħol għal din l-inizjattiva, mhux ġust li ssir distinzjoni bejn Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' barra ta' Triq il-Kbira. Huwa ppropona li ssir laqgħa għas-sidien tan-negożji bil-għan li dawn jiftiehmu u l-Kunsill jikkommetti ruħu li jagħti l-kontribut finanzjarju tiegħu, kif sar fi snin oħra.

12.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li l-Kunsill ser ikun qed joħloq preċedent li jobot lill-Kunsilli futuri.

12.5. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li inizjattiva bħal din tinvolvi spiża sostanzjali illi tirrikjedi l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti. Huwa aċċenna għall-fatt li ma fadalx żmien biex isir dan, kif ukoll m'hemmx fondi biżżejjed ivvutati fl-estimi 2012 għal dan il-għan.

12.6. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li ħadd ma jista' jikkritika lill-Kunsill dwar liema parti għandha tiżżejjen meta s-sidien abbandunaw din l-iniżjattiva. Huwa ppropona li jista' jsir tat-tip li jsir fil-Festa tal-Vitorja.

12.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jintervjeni biex iqarrab is-sidien tan-negozji aktar lejn xulxin, bil-għan li jiftiehmu u jidħlu huma għal din l-inizjattiva. Kemm-il darba jibqa' ma jintlaħaqx ftehim, il-Kunsill għandu jipproċedi fil-parametri tar-Regolamenti Finanzjarji. Kien hemm qbil ukoll li sakemm tiġi ċċarata s-sitwazzjoni, it-tiżjin ta' Triq il-Parroċċa li normalment isir mill-Kunsill, għandu jigi sospiż.

**13.1. Inkonvenjenzi fi Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/5/1/Vol II)**

13.2. Is-Sindku qal li huwa ġie avviċinat minn residenti fit-toroq imsemmija li minħabba l-preżenza tal-venda fil-qrib, qed jaffaċċajaw inkonvenjent lejl u nhar bit-traġitt kontinwu ta' karozzi tal-linja. L-istess residenti għamlu rappreżentazzjonijiet simili permezz tal-avukat tagħhom ma' Transport Malta u l-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar. Issemma wkoll il-periklu li nħoloq fl-inkroċju ta' Triq il-Kbira u Triq il-Fortizza, billi t-traffiku li jiġi mid-direzzjoni tar-*roundabout* qed kontinwament isib karozzi tal-linja jaqsmu għal Triq il-Kbira. Is-Sur R. Cutajar qal li saret proposta sabiex isir dħul direttament mir-*roundabout* għall-venda għall-karozzi tal-linja biss. B'dan il-mod, il-karozzi tal-linja jkunu jistgħu jidħlu fil-venda u joħorgu min-naħa t'isfel ta' Triq il-Fortizza, mingħajr ma jużaw toroq residenzjali.

13.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li d-dħul direttament mir-*roundabout* jista' jkun perikoluż, filwaqt li mhux daqshekk faċli meta jitqies li jkun hemm karozzi tal-linja ġejjin minn Triq Lewis Wettinger bħalma hija Rotta X1.

13.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposta għandha tkompli tiġi diskussa ma' Transport Malta.

**14.1. *Dispensers* tal-gazzetti fit-toroq (T/4/3/Vol II)**

14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal *dispenser* tal-gazzetti li tpoġġa fuq il-bankina fi Triq il-Kbira bejn Triq ix-Xagħra Ta' Barra u Triq Għajn Żejtuna. Huwa qal li dan imur kontra l-*policy* tal-Kunsill li ma jsirx riklamar fit-toroq.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi stabbilit minn poġġa d-*dispenser* fil-post indikat, bil-għan li jitneħħa.

**15.1. Għamara u sinjali tat-traffiku (T/3/2/Vol IX)**

15.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitwaħħal puġġaman tal-ħadid fi Triq Salvu Camilleri, bejn Triq San Mikiel u Triq San Ġorġ, minħabba li t-taraġ jiżloq billi huwa delli.

15.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab ukoll li jinżebgħa l-i*speed humps* li hemm fi Triq il-Fortizza u Triq Ta' Masrija, peress li dawn m'għadhomx jidhru.

15.4. Is-Segretarju wieġeb li l-ordni għall-puġġament diġa saret, filwaqt li ħa nota dwar l-i*speed humps* li saret referenza għalihom, sabiex tittieħed azzjoni.

**16.1. Tabelli u sinjali fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5)**

16.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għat-tabelli u sinjali li saru fuq il-Moll tat-Tunnara. Huwa lmenta li dawn qed jiġu njorati mill-istess persuni li kienu nvoluti fil-ftehim li kien sar meta qabel ġie ntrodott l-arranġament eżistenti. Kompla jgħid li hemm oħrajn ukoll li ma kinux parti mill-ftehim u ddeċidew xorta waħda li jħallu l-opri tagħhom hemm matul is-sena kollha. Is-Sur C. Bartolo ppropona li dawk l-opri kollha li ma kinux fl-arranġament oriġinali għandhom jintalbu jittrasferuhom f'wieħed mill-parkeġġ li hemm bejn il-Costa del Sol Lido u l-Mellieħa Bay Hotel, fuq in-naħa l-oħra tal-bajja.

16.3. Il-Kunsill innota l-ilment bil-għan li possibilment tittieħed azzjoni wara li jiġu identifikati l-persuni konċernati.

**17.1. Ftehim dwar il-gbir ta' skart reciklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/11)**

17.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-kuntratt attwali ma' Green MT Ltd dwar is-servizz imsemmi, liema ftehim ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012. Huwa ppropona li għandu jsir kuntatt mal-kumpanija GreenPak Ltd li wkoll tipprovdi dan is-servizz, bil-għan li jsir magħruf din x'qed toffri.

17.3. Billi s-Sindku kien skużat waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Segretarju għarraf li s-Sur R. Cutajar kien diġa ltaqa' ma' uffiċjali ta' Green MT Ltd biex jiddiskuti t-termini tal-ftehim il-ġdid, possibilment biex jitjiebu l-benefiċċji li diġa hemm.

17.4. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt ma' GreenPak Ltd.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar t-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012 fis-7.00pm

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |